MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Numru 1/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**David Zerafa**

**1.** Dan huwa provvediment dwar żewġ talbiet biex żewġ kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali sollevati mill-appellant David Żerafa fir-rikors tal-appell tiegħu lil din il-Qorti tat-3 ta' Lulju 2013 jiġu riferuti lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili a tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(7) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319).

**2.** L-ewwel kwistjoni sollevata mill-appellant taħt ir-rubrika "Irregolaritajiet waqt il-Guri" fir-rikors tal-appell tiegħu msemmi hija impostata testwalment kif ġej:

> "Illi l-appellant għandu id-dritt fondamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kif protett mill-Kostituzzjoi ta' Malta u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ġiet vjolat. Fil-fatt il-prosekuzzjoni t-Tnejn 17 ta' Ġunju 2013, sejjħet erbgħa xhieda kontra l-appellant u dawn kienu Spetturi Chris Pullicino, Supretendent Antonello Grech, Emanuel Żerafa u Jeffrey Żerafa. Minkejja li dawn kienu imsejħin mill-Prosekuzzjoni kienet il-Qorti li saqsiet il-mistoqsijiet lil erba xhieda u mhux il-Prosekuzzjoni, b'hekk id-Difiża kienet imċaħda sabiex tagħmel kontro eżami. Din ukoll imur kontra Artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni li tgħid:
>
> "(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –
>
> "(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rapprreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u l- jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni."

"Kif ukoll kien bi ksur tal-Artikolu 6(3)(d)

"(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin;

"(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;"

"Illi l-appellant b'hekk jitlob sabiex isir referenza lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili a tenur ta' l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll a tenur ta'l-artikolu 4(7) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319)."

**3.** It-tieni kwistjoni sollevata mill-appellant taħt ir-rubrika "Applikazzjoni u Interpretazzjoni ħażina tal-liġi" fl-istess rikors tal-appell tiegħu msemmi hija impostata sostanzjalment kif ġej:

Wara li l-appellant jispjega li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien ta direzzjoni lill-ġuri li l-*identification parade* li fiha kien ipparteċipa l-appellant kienet waħda legali u ma kienx hemm bżonn il-kunsens tiegħu, l-appellant isemmi li kien irriżulta li huwa kien ipparteċipa fl-*identification parade* minghajr il-volonta' tiegħu, kien liebes *boiler suit* u balaklava flimkien ma' 8 persuni oħra libsin l-istess, u kien hemm influwenza esterna provenjenti minn diversi ċirkustanzi li fihom saret l-istess *identification parade*. Imbgħad kompla jżid testwalment:

"Illi l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha ta' l-20 ta' April 2010 fl-ismijiet Laska and Lika v Albania (12315/04 u 17605/04) ddikjara li

kien hemm ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq sitwazzjoni simili, fejn kien hemm irregolaritajiet fil-Identification Parade u li l-Qorti aċċettat il-konklużżjonijet tiegħu.

"Illi għaldaqstant, l-Identification Parade sar bi ksur ta' l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk jitlob biex isir referenza lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili a tenur ta' l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll a tenur ta' l-Artikolu 4(7) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319)."

**4.** Il-Qorti semgħet lill-partijiet jittrattaw permezz tal-avukati tagħhom it-talba ghar-riferenza tal-kwistjonijiet msemmija lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u dan fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2014 u issa hija f'pożizzjoni li tagħti l-provvediment sottoskritt.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**5.** Il-Qorti tibda biex tosserva li l-appellant iġib 'il quddiem erbgħa aggravji in sostenn tal-appell tiegħu li bih qiegħed jitlob li din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-verdett tal-ġurati u s-sentenza tal-Qorti Kriminali u żewġ digrieti li tat dik il-Qorti u li tordna li jiġi reġistrat verdett ta' mhux ħati fil-konfront tiegħu u li hu jiġi liberat minn kull ħtija u piena u li subordinatament fl-eventwalita' li l-appell tiegħu fuq il-ħtija ma jiġix milqugħ jitlob li tiġi riformata s-sentenza appellata għal dik li hi piena billi din il-Qorti tinfliġġi piena fil-limiti tal-liġi u li tirrispekkja iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-verdett mhux unanimu tal-ġurija.

**6.** Fl-erbgħa aggravji tiegħu l-appellant isostni li ma kienx hemm provi biżżejjed biex il-ġurija ssibu ħati almenu mingħajr kwalifiki; l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ta direttivi ta' liġi żbaljati li wasslu għal interpretazzjoni u applikazzjon żbaljata tal-liġi li setgħet kellha effett deterimananti fuq il-verdett tal-ġurati; saru diversi żbalji u irregolaritajiet proċedurali b'tali mod li ma kellux "a fair trial", u dan waħdu għandu jkun biżżejjed biex din il-Qorti tilqa' l-appell tiegħu; il-piena hi eċċessiva u tmur oltre dak permess mill-liġi.

**7.** L-ewwel kwistjoni kostituzzjonali li l-appellant qiegħed jitlob li ssir riferenza tagħha tirrigwarda meta fuq rikors tal-prosekuzzjoni l-Qorti Kriminali ammettiet bħala xhieda lill-Ispettur Chris Pullicino, Supretendent Antonello Grech, Emanuel Zerafa u Jeffrey Zerafa wara li d-difiża kienet ġia għalqet il-provi tagħha, saret it-difiża, u wara li saret ir-replika tal-Avukat Ġenerali u l-kontro-replika tad-difiża u minnufih qabel l-indirizz tal-Imħallef. Din il-kwistjoni hi l-materja tat-tielet aggravju tal-appell tal-appellant u l-appellant isostni li tikkostitwixxi irregolarita' waqt il-ġuri billi l-Qorti qalbet minn taħt fuq il-proċedura ta' ġuri u akkomodat il-prosekuzzjoni sabiex iġġib dubbju fuq il-provi tad-difiża, dak li sar ma kienx permess mill-liġijiet tal-proċedura, u kien imur kontra dak li jiddisponi l-artikolu 440(4) tal-Kodiċi Kriminali peress li kienet ta' ħsara għall-appellant.

**8.** It-tieni kwistjoni kostituzzjonali li l-appellant qiegħed jitlob li ssir riferenza tagħha hija dik dwar il-mod kif saret l-*identification parade*. Din

hi l-materja tat-tieni aggravju tal-appellant fir-rikors tiegħu ta’ appell u hi wkoll materja tal-ewwel aggravju dwar nuqqas ta’ provi suffiċjenti. Fl-appell tiegħu l-appellant isostni li fl-indirizz tiegħu lill-gurija dwar din il-kwistjoni l-Imħallef kien żbaljat legalment meta rritjena li għall-*identification parade* ma kienx hemm il-ħtieġa tal-kunsens tal-appellant għaliex kienet qed tiġi kondotta minn Maġistrat. Fl-appell tieghu l-appellant isostni wkoll li l-*identification parade* ma saritx skont il-liġi kif previst fl-artikolu 74(1) tal-Att dwar il-Pulizija (Kap 164) u dan peress li minħabba diversi ċirkustanzi kien hemm influwenza esterna fuq il-persuna li ssejħet biex tagħraf lill-persuni.

**9.** Ta’ min josserva li fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant isostni wkoll li fil-ġuri ma kienx hemm provi biżżejjed biex il-ġuriija raġonevolment ssib ħtija fil-konfront tiegħu.

**10.** Mill-premess jirriżulta li l-kwistjonijiet kostituzzjonali sollevati mill-appellant huma wkoll kwistjonijiet ta’ liġi penali ordinarja li l-Qorti qiegħda tiġi mitluba tindirizza fir-rikors tal-appell tal-appellant u li skont l-appellant għandhom iwasslu għat-tħassir u revoka tal-verdett tal-ġurati u tas-sentenza tal-Qorti Kriminali u li konsegwentement huwa jiġi liberat minn kull ħtija u piena.

**11.** L-appellant, għalhekk, permezz tal-appell tieghu għadu fil-kors li jeżawrixxi r-rimedju ordinarju disponibbli għalih u, tenut kont tal-aggravji miġjuba ‘l quddiem minnu, din il-Qorti għad tista’ tagħtih raġun fuq l-iskorta tal-liġi penali ordinarja u dan mingħajr ebda ħtieġa ta’ ebda riferenza kostituzzjonali. Jekk din il-Qorti tilqa’ l-aggravji tiegħu din il-

Qorti stess tirrimedja fil-proċedura ordinarja l-allegati vjolazzjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali billi tilqa’ l-appell tiegħu.

**Provvediment**

Għaldaqstant, għalkemm il-kwistjonijiet kostituzzjonali sollevati mill-appellant ma jistgħux jitqiesu frivoli il-Qorti hi tal-fehma li t-tqanqil tagħhom f’dan l-istadju hu, fis-sens u fil-limiti ta’ dak premess, sempliċement vessatorju għat-tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319) u qiegħdha għalhekk tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tibgħat il-kwistjonijiet msemmija quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------